

Brussell, 9 ta' Lulju 2025
(OR. en, es)

10698/25
PV CONS 33
SOC 448
EMPL 306
SAN 376
CONSOM 117
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
19 u 20 ta' Ġunju 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 10018/25.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

Lista mhux leġiżlattiva

10174/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Direttiva dwar it-traineeships

 9936/25

Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva dwar it-traineeships kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

L-Estonja u Spanja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. Semestru Ewropew 2025



- a) Mill-Prinċipji għall-Progress: il-Pjan ta' Azzjoni ġdid tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-ewwel strateġija kontra l-faqar**
Dibattitu ta' orjentazzjoni

9420/25 + ADD 1

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar "Mill-Prinċipji għall-Progress: il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-ewwel strateġija kontra l-faqar", abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza li tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

b) Pakkett tar-Rebbiegħa
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Pakkett tar-Rebbiegħa.

c) Nota orizzontali dwar ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi 9901/25
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva n-nota orizzontali dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fir-rigward tal-aspetti tal-impjegi u l-politika soċjali, kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

d) Valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2025 u tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2024: Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali 9595/25 + ADD 1-3
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2025 u tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2024 kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

e) Kontribut dwar l-aspetti tal-politiki tal-impjegi u dawk soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi: Rakkomandazzjonijiet dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji ta' kull Stat Membru 9415/25
9903/25
9983/25
10374/25
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-kontribut għall-aspetti relatati mal-impjegi u l-politika soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji ta' kull Stat Membru għall-2025, kif elenkat fid-dokument 9983/25 u approva n-nota ta' konformità jew spjegazzjoni kif tinsab fid-dokument 10374/25.

5. **Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi**  9417/25
Preżentazzjoni mill-President tal-Kumitat tal-Impjiegi

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-President tal-Kumitat tal-Impjiegi tal-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi, kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

6. **Konklużjonijiet dwar appoġġ lill-persuni akbar fl-età biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà**  9321/25
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar l-appoġġ lill-persuni akbar fl-età biex jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

7. **Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali (Artikolu 19)**  9573/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni 9634/25
Rapport ta' progress

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali f'oqsma għajr l-impjeg (l-Artikolu 19), abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza li tinsab fid-dokument 9634/25. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-rapport tal-progress dwar id-Direttiva proposta, kif jinsab fid-dokument 9573/25.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

8. **Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-
ġeneri fl-era diġitali mmexxija mill-IA**  9408/25
Approvazzjoni + ADD 1 REV 2
+ ADD 2

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-era diġitali mmexxija mill-IA, kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Il-Bulgarija u l-Ungerija ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

Affarijiet oħra

9. a) **Avvenimenti tal-Presidenza**  9664/25

i) **Laqgħa informali tal-Ministri għall-Ugwaljanza
(Varsavja, 16 ta' April 2025)**

ii) **Konferenzi ta' livell għoli**
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

- b) **Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa**  6756/25 + ADD 1
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa.

- c) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mid-Danimarka

- d) **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika
f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-
Unjoni Ewropea)**  

i) **Reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-
koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali
(883/04 u 987/09)** 15642/16
+ ADD 1 REV 1

ii) **Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsilli Ewropej
tax-Xogħlijiet** 5837/24 + ADD 1

iii) **Regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar il-
popolazzjoni u l-akkomodazzjoni** 5588/1/23 REV 1
+ ADD 1

- iv) **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar**
Informazzjoni mill-Presidenza

7721/25

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-proposti leġiżlattivi msemmija hawn fuq.

- e) **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships imsaħħaħ**  8155/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships imsaħħaħ.

- a) **(kontinwazzjoni) Avvenimenti tal-Presidenza**  9664/25

- iii) **Laqgħa informali tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (Varsavja, 14-15 ta' April 2025)**
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

- f) **L-iżgurar ta' protezzjoni rapida tal-pensjoni għal persuni li eżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom fl-UE (inizjattiva taċ-Ċekja)**  9702/1/25 REV 1
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni dwar l-iżgurar ta' protezzjoni rapida tal-pensjoni għal persuni li eżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom fl-UE.

- g) **Rapport ta' evalwazzjoni tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol**  9644/25 + ADD 2
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar ir-Rapport ta' evalwazzjoni tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.

SAĦĦA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- 10. Att dwar il-Mediċini Kritiċi** **IC** 9066/25
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza li tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- 11. Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolesxenti fl-era diġitali** **2** 9069/25
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolesxenti fl-era diġitali.

- 12. Miżuri tal-UE dwar il-prevenzjoni, inkluż it-tnaqqis tal-konsum tat-tabakk u l-alkoħol** **2** 9072/25
Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-miżuri tal-UE dwar il-prevenzjoni, inkluż it-tnaqqis tal-konsum tat-tabakk u tal-alkoħol abbażi ta' nota ta' gwida pprovduta mill-Presidenza.

Affarijiet oħra

- 13. a) Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

Pakkett farmaċewtiku:

IC

- a) Direttiva dwar il-kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem**

8759/23 + ADD 1

- b) **Regolament li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**

8758/23 + ADD 1

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-pakkett farmaċewtiku.

- b) **Limiti internazzjonali fuq l-għadd ta' tfal għal kull donatur tal-isperma jew tal-bajd**

 9548/1/25 REV 1

Informazzjoni mill-Iżvezja, appoġġata mill-Belġju, il-Finlandja, Franza, in-Netherlands, ir-Rumanija, Spanja u l-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Iżvezja, appoġġata mill-Belġju, il-Finlandja, Franza, in-Netherlands, ir-Rumanija, Spanja u l-Ungerija dwar limiti internazzjonali fuq l-għadd ta' tfal għal kull donatur tal-isperma jew tal-bajd.

- c) **Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni dwar kwistjonijiet ta' saħħa** *Informazzjoni mill-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Litwanja, is-Slovenja u Spanja*

 9620/1/25 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Litwanja, is-Slovenja u Spanja, dwar il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni dwar kwistjonijiet ta' saħħa.

- d) **Sejħa għal azzjoni kontinwa u urġenti fil-livell tal-UE biex iż-żgħażaġh jiġu protetti mill-ħsara kkawżata minn prodotti ġodda tat-tabakk u tan-nikotina** *Informazzjoni mill-Belġju, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, is-Slovenja u Spanja*

 10129/2/25 REV 2

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Belġju, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, is-Slovenja u Spanja dwar sejħa kontinwa u urġenti għal azzjoni fil-livell tal-UE biex iż-żgħażaġh jiġu protetti mill-ħsara kkawżata minn prodotti ġodda tat-tabakk u tan-nikotina.

- e) **L-impatt tar-responsabbiltà estiża tal-produttur skont id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban fuq il-provvista ta' prodotti mediċinali** [2] 10153/1/25 REV 1
Informazzjoni mill-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja,, il-Greċja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Ungerija dwar l-impatt tar-responsabbiltà estiża tal-produttur skont id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban fuq il-provvista ta' prodotti mediċinali.

- f) **Konferenzi tal-Presidenza** [2] 9540/25
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar konferenzi tal-Presidenza.

- g) Negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, 9541/25
it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji, kif ukoll emendi
komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni
- h) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-Danimarka

-
- [1] L-ewwel qari
- [S] Proċedura leġiżlattiva speċjali
- [2] Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- [C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "B" li jinsabu fid-dokument 10018/25

Dwar il-punt "B" **Direttiva dwar it-traineeships**
nru 3: *Approċċ ġenerali*

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tappoġġa l-għan ġenerali tad-Direttiva dwar it-Traineeships li ttejjeb il-kwalità tat-traineeships u l-aċċess għalihom. Madankollu, aħna nesprimu tħassib dwar il-valur miżjud dubjuż tad-Direttiva dwar it-Traineeships kif ukoll il-piż amministrattiv addizzjonali.

Id-Direttiva tista' tħeġġeġ lill-impjegaturi joħolqu traineeships għad-detriment ta' relazzjonijiet ta' impjieg u tnaqqas l-aċċess għal traineeships għaż-żgħażagħ. Is-sistema legali Estonjana ma tirrikonoxxi it-trainees li jaħdmu b'kuntratt ta' impjieg. It-trainees li jaħdmu b'kuntratt ta' impjieg huma definiti bħala impjegati bid-drittijiet kollha ta' impjieg. Għalhekk, l-Estonja temmen li d-Direttiva bilkemm ittejjeb is-sitwazzjoni tat-trainees. Pjuttost kontra, forsi qed jitħeġġeġ trattament inqas favorevoli għat-trainees milli għall-ħaddiema.

Barra minn hekk, l-Estonja għad għandha tħassib dwar iċ-ċarezza legali tal-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar ir-rwol tar-rappreżentanti tal-ħaddiema fil-proċedura ġudizzjarja. Skont it-test tal-Artikolu 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità ma' żewġ sitwazzjonijiet differenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema:

1) *ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom* [...] fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva;

u

2) *ikunu jistgħu jaġixxu* [...] f'isem jew b'appoġġ għal trainee jew diversi trainees f'każ ta' ksur ta' kwalunkwe dritt jew obbligu li jirriżulta minn din id-Direttiva [...].

Aħna fhimna li t-tieni sitwazzjoni (*ikunu jistgħu jaġixxu* [...] *f'isem jew b'appoġġ għal*) tfisser rappreżentanza jew konsulenza fi proċedimenti tal-qorti (tali użu tat-terminu *b'appoġġ għal* ġie nnegożjat fil-qafas tal-istrumenti tal-liġi ċivili, eż. id-direttiva kontra s-SLAPP). Madankollu, mhux ċar għalina xi tfisser l-ewwel sitwazzjoni, jekk ma tfissirx rappreżentanza jew konsulenza fi proċedimenti tal-qorti u hijiex rregolata bħala obbligu separat.

Skont il-formulazzjoni tad-dispożizzjoni, l-Istat Membru għandu jiżgura li r-rappreżentanti tal-ħaddiema, li ma jaġixxux bħala rappreżentanti jew konsulenti fil-proċedimenti tal-qorti, għandhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti ġudizzjarji. Id-dritt proċedurali ċivili Estonjan ma jipprevedix tali possibbiltà, u tali obbligu ġdid speċifiku għas-settur jinterferixxi mal-awtonomija proċedurali ta' Stat Membru u ma jistax ikun l-għan tad-dritt tal-Unjoni.

Matul in-negozjati fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tlabna kjarifiki dwar xi jfisser *ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi [...] proċedura ġudizzjarja [...] biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva*, jekk ifissirx xi ħaġa oħra għajr ir-rappreżentanza jew konsulenza fi proċedimenti tal-qorti; offrejna proposti ta' formulazzjoni għall-Artikolu 8, kif ukoll proposta għall-formulazzjoni tal-premessa.

Fhimna lill-Kummissjoni b'tali mod li, sabiex tikkorrispondi għall-ewwel sitwazzjoni stipulata fl-Artikolu 8 (*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom [...] fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja [...] rilevanti biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva*), l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn ibiddlu l-liġi proċedurali ċivili tagħhom.

Minħabba li t-test tad-Direttiva jippermetti interpretazzjoni differenti, aħna nosservaw li l-Estonja tinterpreta l-ewwel sitwazzjoni rregolata fl-Artikolu 8 b'tali mod li l-Estonja ma jkollhiex għalfejn tbiddel il-liġi proċedurali tagħha sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 8. Ikun biżżejjed li, skont il-liġi proċedurali Estonjana, it-trainees jkun jista' juża r-rappreżentanti tal-ħaddiema bħala rappreżentant jew konsulent fi proċedimenti tal-qorti (it-tieni sitwazzjoni tal-Artikolu 8).

Abbażi ta' dan kollu, l-Estonja ma tistax tappoġġa d-Direttiva."

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

Spanja laqgħet b'mod favorevoli l-proposta għal Direttiva ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2024. Dik il-proposta wiegħbet għal dijanjożi ċara: spiss iżżejjed, traineeships qed jintużaw b'mod fraudolenti biex jaħbu relazzjonijiet regolari ta' impjieg li ma joffrux drittijiet u protezzjoni.

Il-proposta li qed titressaq għall-approvazzjoni llum ma tissodisfax l-istandards minimi meħtieġa biex tikkostitwixxi qafas regolatorju Ewropew ġenwin għal traineeships ta' kwalità. Ma tilħaqx l-għanijiet oriġinali u qed tissogra li ssaħħaħ l-istess Prattiki abbużivi li qed ttipprova telimina għalkollox.

It-test jippreżenta kamp ta' applikazzjoni eċċessivament ristrett u jdgħajjef jew ineħħi dispożizzjonijiet essenzjali dwar is-superviżjoni, l-infurzar, u l-obbligi ta' min iħaddem. Dawn kienu pilastru ewlenin tal-approċċ inizjali. Barra minn hekk, ma tiggarrantix li traineeships mingħajr impjieg ikunu ħielsa minn sfruttament, u lanqas ma tipprevjeni għalkollox it-trattament diskriminatorju.

Regolamentazzjoni Ewropea tat-traineeships trid tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-integrazzjoni taż-żgħażaġ fis-suq tax-xogħol. Dan l-istadju bikri tal-karriera professjonali tagħhom għandu jwassal għal taħriġ ta' kwalità, drittijiet, u opportunitajiet reali ta' impjieg stabbli – mhux għal xogħol prekarju.

Spanja ser tkompli taħdem biex tiżgura li din il-leġiżlazzjoni ssir strument utli, ambizzjuż u koerenti skont il-prinċipji tal-Ewropa soċjali u tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tiżgura l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bħala valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-idea ta' "ġeneru" li mhumieq kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Kostituzzjoni Bulgara. Barra minn hekk, fl-2021 il-Qorti Kostituzzjonali ċċarat ukoll li l-idea ta' "sess" użata fil-Kostituzzjoni, għandha, fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, tinftiehem fis-sens bijoloġiku tagħha biss (nisa u rġiel).

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tas-suġġett u l-opportunitajiet u l-isfidi fl-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Bulgarija tappoġġa l-adozzjoni tal-Konklużjonijiet, filwaqt li tiddikjara li tinterpreta t-terminoloġija kollha fihom relatata mal-ġeneru strettament fil-kunċett binarju ta' sess. Barra minn hekk, ser tinterpreta t-terminu "approċċ intersezzjonali" esklużivament fil-kuntest tal-bażijiet diskriminatorji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impennji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minqax fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Era Diġitali Mmexxija mill-IA: is-sitt rieżami orizzontali tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE.

L-Ungerija tiddikjara li l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025 (COM (2020) 152 final) imsemmija fil-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Era Diġitali Mmexxija mill-IA: is-sitt rieżami orizzontali tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE* għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 (COM (2020) 698 final) imsemmija fil-*Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Era Diġitali Mmexxija mill-IA: is-sitt rieżami orizzontali tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE* għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."
